DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Marzu 2012

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino

(2012/C 317/04)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/904/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità Ewropea dwar l-innegozjar mill-ġdid tal-Ftehim Monetarju mar-Repubblika ta' San Marino [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Novembru 2000 ġie konkluż il-Ftehim Monetarju bejn ir-Repubblika tal-Italja, f'isem il-Komunità Ewropea, u r-Repubblika ta' San Marino [2].

(2) Fil-konklużjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2009, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-funzjonament tal-Ftehimiet Monetarji eżistenti u biex tikkunsidra żidiet possibbli fil-limiti massimi għall-ħruġ tal-muniti.

(3) Fil-Komunikazzjoni dwar il-funzjonament tal-Ftehimiet Monetarji ma' Monako, San Marino u l-Vatikan [3], il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ftehim Monetarju kien jeħtieġ li jiġi emendat bil-ħsieb li jiġi żgurat approċċ iktar konsistenti fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li jkunu ffirmaw ftehim monetarju.

(4) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009, il-Ftehim Monetarju ma' San Marino ġie nnegozjat mill-ġdid f'isem l-Unjoni mill-Kummissjoni u r-Repubblika Taljana. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ġie assoċjat bis-sħiħ fin-negozjati, fejn ta l-qbil tiegħu fuq kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp tal-kompetenza tiegħu.

(5) La l-BĊE u lanqas il-KEF ma huma tal-opinjoni li l-Ftehim għandu jitressaq lill-Kunsill,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa hawnhekk approvat.

It-test tal-Ftehim huwa stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Il-Viċi-President responsabbli għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-euro qed jiġi hawnhekk awtorizzat jiffirma l-Ftehim sabiex jorbot l-Unjoni Ewropea, u biex jagħmel id-Dikjarazzjoni stabbilita fl-Anness f'isem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Wara l-iffirmar tal-Ftehim, is-Segretarjat Ġenerali għandu jipproċedi għan-notifikazzjoni pprovduta fl-Artikolu 13 tal-Ftehim [4].

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 322, 9.12.2009, p. 12.

[2] ĠU C 209, 27.7.2001, p. 1.

[3] COM(2009) 359 finali; Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill: Rapport dwar il-funzjonament tal-Ftehimiet Monetarji ma' Monako, San Marino u l-Vatikan.

[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

ANNESS

FTEHIM MONETARJU

bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino

L-UNJONI EWROPEA,

u

R-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Jannar 1999, l-euro ħadet post il-munita ta' kull Stat Membru li pparteċipa fit-tielet stadju tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, fost dawn l-Italja, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 ([1]) tat-3 ta' Mejju 1998.

(2) Qabel l-introduzzjoni tal-euro, l-Italja u r-Repubblika ta' San Marino kienu kkonkludew arranġamenti bilaterali dwar kwistjonijiet monetarji, fejn l-aħħar wieħed kien il-*Convenzione monetaria tra la Repubblica Italiana e la Repubblica di San Marino*, li ġiet konkluża fil-21 ta' Diċembru 1991.

(3) Id-Dikjarazzjoni Nru 6 annessa mal-Att Finali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tgħid li l-Komunità għandha tiffaċilita l-innegozjar mill-ġdid tal-arranġamenti eżistenti mar-Repubblika ta' San Marino skont kif jista' jkun meħtieġ minħabba l-introduzzjoni tal-munita unika.

(4) Fid-29 ta' Novembru 2000, ir-Repubblika tal-Italja kkonkludiet Ftehim Monetarju f'isem il-Komunità Ewropea mar-Repubblika ta' San Marino ([2]).

(5) Skont dan il-Ftehim Monetarju, ir-Repubblika ta' San Marino tuża l-euro bħala l-munita uffiċjali tagħha u tagħti status ta' valuta legali lill-karti u l-muniti tal-euro. Għandha tiżgura li r-regoli tal-Unjoni Ewropea (UE) dwar il-karti u l-muniti tad-denominazzjoni tal-euro – inklużi dawk marbutin mal-ħarsien tagħha kontra l-iffalsifikar – ikunu applikabbli fit-territorju tagħha. Ir-Repubblika ta' San Marino għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġġieled kontra l-iffalsifikar u tikkoopera mal-Kummissjoni, mal-Bank Ċentrali Ewropew (il-BĊE) u mal-Europol. Sakemm jiġi ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Europol u r-Repubblika ta' San Marino, ir-Repubblika ta' San Marino għandha tikkoopera mal-Europol permezz tal-Awtoritajiet Taljani kompetenti f'dan il-qasam.

(6) Ir-Repubblika ta' San Marino għandha tqis b'mod partikolari r-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), u notevolment dawk fejn din it-Task Force tistieden lill-membri tagħha u lill-membri ta' Korpi Reġjonali tat-tip FATF biex japplikaw il-kontramiżuri meħtieġa fil-ġuriżdizzjonijiet identifikati bħala ta' riskju għoli. Ir-Repubblika ta' San Marino, li għandha rappreżentanza fil-Kumitat ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni tal-Miżuri ta' Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu, tqis b'mod xieraq ir-rakkomandazzjonijiet li saru jew li għad irid isiru fir-rapporti ta' evalwazzjoni reċiproka fir-rigward tar-Repubblika ta' San Marino, sabiex ittejjeb ir-rispons tagħha għal theddid ta' ħasil tal-flus.

(7) Dan il-Ftehim Monetarju ma jimponi ebda obbligu fuq il-BĊE u l-Banek Ċentrali nazzjonali li jinkludu l-istrumenti finanzjarji tar-Repubblika ta' San Marino fil-lista/i ta' titoli eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' politika monetarja tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali.

(8) Ir-Repubblika ta' San Marino għandha settur bankarju li jippretendi li jaħdem aktar mill-qrib ma' dak taż-żona tal-euro. Għalhekk, sabiex jinħoloq ambjent ta' kundizzjonijiet ekwi, il-leġiżlazzjoni bankarja u finanzjarja rilevanti tal-UE, il-leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-prevenzjoni tal-frodi u tal-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti u r-rekwiżiti ta' rapportar ta' statistika għandhom isiru applikabbli, b'mod gradat, għar-Repubblika ta' San Marino.

(9) Għandu jiġi ffurmat Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tar-Repubblika ta' San Marino, ir-Repubblika tal-Italja, il-Kummissjoni u l-BĊE sabiex jeżamina l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, jiddeċiedi kemm ikun il-limitu massimu annwali għall-ħruġ ta' muniti u jevalwa l-miżuri li jittieħdu mir-Repubblika ta' San Marino għall-implimentazzjoni rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

([1]) ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.
([2]) ĠU C 209, 27.7.2001, p. 1.

(10) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun il-korp ġudizzjarju inkarigat mis-soluzzjoni ta' kwalunkwe tilwim li jista' jinqala' mill-applikazzjoni tal-Ftehim.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Repubblika ta' San Marino għandha tkun intitolata tuża l-euro bħala l-munita uffiċjali tagħha skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-introduzzjoni tal-Euro ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro. Ir-Repubblika ta' San Marino għandha tagħti status ta' valuta legali lill-karti u l-muniti tal-euro.

Artikolu 2

Ir-Repubblika ta' San Marino ma għandha toħroġ ebda karti, muniti jew sostituti tal-flus ta' ebda tip sakemm il-kundizzjonijiet għal dan il-ħruġ ma jkunux miftehma mal-Unjoni Ewropea. Il-kundizzjonijiet biex jinħarġu muniti tal-euro mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim huma stipulati fl-Artikoli li ġejjin.

Artikolu 3

Il-limitu massimu annwali (f'terminu ta' valur) għall-ħruġ tal-muniti tal-euro mir-Repubblika ta' San Marino għandu jiġi kkalkulat mill-Kumitat Konġunt stabbilit permezz ta' dan il-Ftehim bħala t-total ta':

— Parti fissa, li l-ammont inizjali tagħha għall-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim huwa stabbilit għal EUR 2 600 000. Il-Kumitat Konġunt jista' jirrevedi l-parti fissa kull sena bil-għan li jqis kemm l-inflazzjoni – abbażi tal-inflazzjoni HICP tal-Italja fl-aħħar 12-il xahar li għalihom tkun disponibbli d-dejta fil-ħin li jsir il-kalkolu – kif ukoll ix-xejriet sinifikanti possibbli li jaffettwaw is-suq tal-kollezzjonisti tal-muniti tal-euro;

— Parti varjabbli, li tikkorrispondi għall-valur tal-ħruġ medju per capita ta' muniti tar-Repubblika tal-Italja fl-aħħar 12-il xahar li għalihom tkun disponibbli d-dejta mmultiplikat bin-numru ta' abitanti ta' San Marino.

Artikolu 4

1. Il-muniti tal-euro maħruġa mir-Repubblika ta' San Marino għandhom ikunu identiċi għal dawk li jinħarġu mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li adottaw l-euro f'dak li jikkonċerna l-valur nominali, l-istatus ta' valuta legali, il-karatteristiċi tekniċi, il-karatteristiċi artistiċi tan-naħa komuni u l-karatteristiċi artistiċi komuni tan-naħa nazzjonali.

2. Ir-Repubblika ta' San Marino għandha tikkomunika minn qabel l-abbozzi tal-uċuħ nazzjonali tal-muniti euro tagħha lill-Kummissjoni Ewropea, li trid tivverifika l-konformità tagħhom mar-regoli tal-UE.

Artikolu 5

1. Il-muniti tal-euro maħruġin mir-Repubblika ta' San Marino għandhom jiġu stampati mill-Istituto Poligrafico e Zecca dello Stato tar-Repubblika tal-Italja.

2. B'deroga għall-paragrafu 1, San Marino jista jqabbad Zekka tal-UE biex tistampa muniti oħra tal-euro flok dik imsemmija fil-paragrafu 1, bi qbil mal-Kumitat Konġunt.

3. Mill-inqas 70 % tal-muniti tal-euro li huma maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom jinħarġu fiċ-ċirkolazzjoni bil-valur nominali sa mis-sena ta' wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dan il-proporzjon għandu jilħaq it-80 % wara tliet snin. Għaldaqstant, il-Kumitat Konġunt se jirrevedi b'mod regolari kemm dan il-proporzjon ikun xieraq.

4. Ir-Repubblika ta' San Marino tista' toħroġ muniti tal-euro għall-kollezzjonisti. Dawn għandhom ikunu inklużi mal-limitu massimu annwali msemmi fl-Artikolu 3. Il-ħruġ ta' muniti tal-euro għall-kollezzjonisti, mir-Repubblika ta' San Marino, għandu jsir skont il-linji gwida tal-Unjoni Ewropea dwar il-muniti tal-euro għall-kollezzjonisti, li jipprovdu fost oħrajn li l-karatteristiċi tekniċi u artistiċi u denominazzjonijiet tal-muniti tal-euro maħruġin għall-kollezzjoni għandhom jippermettu li ssir distinzjoni bejnhom u bejn il-muniti tal-euro li jkunu maħsubin għaċ-ċirkolazzjoni.

Artikolu 6

1. B'konformità mal-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-volum tal-muniti tal-euro maħruġin mir-Repubblika ta' San Marino għandu jiżdied mal-volum tal-muniti maħruġin mill-Italja għall-għan tal-approvazzjoni, mill-BĊE, tal-volum totali tal-ħruġ ta' muniti mir-Repubblika tal-Italja.

2. Ir-Repubblika ta' San Marino għandha tavża lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Repubblika tal-Italja, mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena, dwar il-volum u l-valur nominali tal-muniti tal-euro li jkun biħsiebha toħroġ fis-sena ta' wara. Għandha tinforma wkoll lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-kundizzjonijiet previsti għall-ħruġ ta' dawn il-muniti, b'mod partikolari dwar il-proporzjon ta' muniti għall-kollezzjonisti u l-arranġamenti dettaljati għall-introduzzjoni ta' muniti għaċ-ċirkolazzjoni.

3. Hekk kif jiġi ffirmat dan il-Ftehim, ir-Repubblika ta' San Marino għandha tikkomunika l-informazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2 għas-sena ta' wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

([1]) ĠU L 162, 19.6.1997, p. 1.

Artikolu 7

1. Dan il-Ftehim huwa bla ħsara għad-dritt tar-Repubblika ta' San Marino li tkompli toħroġ muniti tad-deheb bid-denominazzjoni ta' scudi.

2. Il-muniti għall-kollezzjonijisti u l-muniti tad-deheb bid-denominazzjoni ta' scudi li jinħarġu mir-Repubblika ta' San Marino mhux se jkollhom valuta legali fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 8

1. Ir-Repubblika ta' San Marino għandha tidħol risponsabbli li tadotta l-miżuri kollha xierqa, permezz ta' traspożizzjonijiet diretti, jew possibbilment, permezz ta' azzjonijiet ekwivalenti, bil-għan li timplimenta l-atti legali u r-regoli tal-UE elenkati fl-Anness ma' dan il-Ftehim, fl-oqsma ta':

(a) il-karti u l-muniti tal-euro;

(b) il-liġi bankarja u finanzjarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-attività u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati;

(c) il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-prevenzjoni tal-frodi u tal-iffalsifikar ta' mezzi ta' pagament kemm ta' flus kontanti kif ukoll mezzi oħra, ta' medalji u towkins u r-rekwiżiti ta' rapportar ta' statistika. Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika, ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni u l-adattamenti tekniċi (inkluż id-derogi xierqa fid-dawl tal-istatus speċifiku ta' San Marino) għandhom jiġu maqbula mal-Bank Ċentrali Ewropew sa mhux aktar tard minn 18-il xahar qabel ma jkun meħtieġ li jinbeda r-rapportar ta' statistika.

(d) il-miżuri neċessarji għall-użu tal-euro bħala munita unika adottati skont l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

2. Ir-Repubblika ta' San Marino għandha timplimenta l-atti legali u r-regoli msemmija fil-paragrafu 1 sal-iskadenzi speċifikati fl-Anness, li jibdew jgħoddu hekk kif dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ.

3. Il-limitu massimu msemmi fl-Artikolu 3:

(a) jitnaqqas awtomatikament u temporanjament b'1/3 jekk u meta data ta' skadenza speċifikata fl-Anness ma tinżammx, sakemm l-atti legali u r-regoli tal-UE kkonċernati ma jkunux għadhom ġew adottati;

(b) jista' jitnaqqas temporanjament b'1/2 permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jkun sema' r-rappreżentanti tar-Repubblika ta' San Marino jekk u meta r-Repubblika ta' San Marino tonqos għal aktar minn sentejn milli tikkonforma ma' wieħed jew ma' diversi mill-atti legali jew regoli tal-UE elenkati fl-Anness, li hija adottat qabel l-iskadenza stabbilita.

Il-limitu massimu għandu jittella' għal-livell normali tiegħu billi tintuża l-istess proċedura, hekk kif ir-Repubblika ta' San Marino tkun adottat il-miżuri xierqa biex tindirizza l-kwistjonijiet li jkunu wasslu għat-tnaqqis temporanju.

4. Ir-Repubblika ta' San Marino tista' titlob għall-assistenza teknika tal-entitajiet li jikkostitwixxu d-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

5. L-Anness għandu jiġi emendat mill-Kummissjoni darba kull sena jew, jekk ikun xieraq aktar spiss, bil-għan li jitqiesu dejjem l-atti legali u r-regoli rilevanti ġodda tal-UE, kif ukoll l-emendi għal dawk li diġà jeżistu. Wara li jsir dan, il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi dwar id-dati ta' skadenza xierqa u raġonevoli għall-implimentazzjoni mir-Repubblika ta' San Marino tal-atti legali u r-regoli ġodda miżjudin mal-Anness.

6. Il-Kumitat Konġunt jista', f'każijiet eċċezzjonali, jirrevedi d-data ta' skadenza eżistenti speċifikata fl-Anness.

7. L-Anness aġġornat għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Artikolu 9

L-istituzzjonijiet ta' kreditu u, fejn ikun xieraq, istituzzjonijiet finanzjarji oħra awtorizzati biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom fit-territorju tar-Repubblika ta' San Marino jista' jkollhom aċċess għas-sistemi ta' sald u ħlas interbankarji u tat-titoli fiż-żona tal-euro skont termini u kundizzjonijiet xierqa li jiġu deċiżi mill-Bank tal-Italja, bi qbil mal-Bank Ċentrali Ewropew.

Artikolu 10

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-kompetenza esklussiva biex issolvi t-tilwim kollu li jista' jirriżulta bejn il-partijiet minħabba l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u li ma jkunx ġie solvut fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

2. Jekk l-Unjoni Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li tkun qed taġixxi fuq rakkomandazzjoni tad-delegazzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt, jew ir-Repubblika ta' San Marino tikkunsidra li l-Parti l-oħra ma tkunx issodisfat xi obbligu skont dan il-Ftehim, din tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sentenza tal-Qorti għandha torbot lill-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza f'perjodu ta' żmien stabbilit mill-Qorti fis-sentenza tagħha.

Artikolu 11

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat Konġunt. Dan għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tar-Repubblika ta' San Marino u tal-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu b'kunsens. Id-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għandha tkun magħmula minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tar-Repubblika tal-Italja, flimkien mar-rappreżentanti tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena. Il-Presidenza għandha talterna kull sena bejn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u rappreżentant tar-Repubblika ta' San Marino. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'vot unanimu tal-partijiet.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jaqsam l-opinjonijiet u l-informazzjoni u jadotta d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3, 5 u 8. Għandu jeżamina l-miżuri li jittieħdu mir-Repubblika ta' San Marino u jagħmel ħiltu biex isolvi kull tilwim li jista' jinqala' minħabba l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

4. L-Unjoni Ewropea se tkun l-ewwel li tippresjedi fuq il-Kumitat Konġunt hekk kif dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ, kif stipulat fl-Artikolu 13.

Artikolu 12

Dan il-Ftehim jista' jintemm minn kull waħda mill-Partijiet permezz ta' notifika minn sena qabel.

Artikolu 13

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċess tagħhom ta' ratifika, ta' konklużjoni jew ta' adozzjoni, ikun lest skont ir-regoli applikabbli għal kull Parti.

Artikolu 14

Il-Ftehim Monetarju tad-29 ta' Novembru 2000 għandu jiġi rrevokat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Referenzi għall-Ftehim tad-29 ta' Novembru 2000 għandhom jiġu mifhuma li jirreferu għal dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, fis-27 ta' Marzu 2012, f'żewġ dokumenti oriġinali bil-lingwa Ingliża.

Għall-Unjoni Ewropea	*Għar-Repubblika ta' San Marino*
Olli REHN	Antonella MULARONI
Il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Ewro	*Ministru tal-Affarijiet Barranin*

ANNESS

DISPOŻIZZJONIJIET LEGALI LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI	DATA TA' SKADENZA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI (APPLIKABBLI MID-DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-FTEHIM)
Il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus	
Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15). Emendata bi: Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1). Id-Direttiva 2008/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2005/60/KE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni kkonferiti lill-Kummissjoni (ĠU L 76, 19.3.2008, p. 46). Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7). Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120). Issupplimentata bi: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103). Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' persuni esposti politikament u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29). Ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1). Ir-Rettifika għar-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, (ĠU L 345, 8.12.2006) (ĠU L 323, 8.12.2007, p. 59). Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 9). Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1).	Sena waħda

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI tas-17 ta' Ottubru 2000 li tikkonċerna l-arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn l-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja tal-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni (ĠU L 271, 24.10.2000, p. 4).	Sena waħda
Il-prevenzjoni tal-frodi u tal-iffalsifikar	
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6). Emendat bi: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1).	Sena waħda
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/861/KE tat-8 ta' Diċembru 2003 li tikkonċerna l-analiżi u l-kooperazzjoni fir-rigward ta' muniti foloz tal-euro (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 44).	Sena waħda
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 tas-6 ta' Diċembru 2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1). Emendat bi: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 5).	Sena waħda
Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2000/383/ĠAI tad-29 ta' Mejju 2000 dwar iż-żieda fil-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar fid-dawl tad-dħul tal-euro (traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠU L 140, 14.6.2000, p. 1). Emendat bi: Id-Deċiżjoni Kwadru 2001/888/ĠAI tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2001 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru Nru 2000/383/ĠAI dwar iż-żieda fil-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar fid-dawl tad-dħul tal-euro (traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠU L 329, 14.12.2001, p. 3).	Sena waħda
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/887/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (ĠU L 329, 14.12.2001, p. 1).	Sena waħda
Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti (ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1).	Sena waħda
Regoli dwar il-karti u l-muniti tal-euro	
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 6). Emendat bi: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/1999 tat-22 Frar 1999 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 52, 27.2.1999, p. 2).	Sena waħda
Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 1999 dwar is-sistema għall-immaniġġjar tal-kwalità għall-muniti tal-euro.	Sena waħda
Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1998 u tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-muniti għall-kollezzjonisti.	Sena waħda

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/23/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, (C(2008) 8625) (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).	Sena waħda
Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2001/C 318/03 tat-22 ta' Ottubru 2001 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tad-disinn tal-wiċċ komuni tal-muniti tal-euro (C(2001) 600 finali) (ĠU C 318, 13.11.2011, p. 3).	Sena waħda
Regolament (UE) Nru 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 339, 22.12.2010, p. 1).	Sena waħda
Il-Linja ta' gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2003/5 tal-20 ta' Marzu 2003 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus euro (ĠU L 78, 25.3.2003, p. 20).	Sena waħda
Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2003/4 tal-20 ta' Marzu 2003 dwar id-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus euro (ĠU L 78, 25.3.2003, p. 16).	Sena waħda
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 Novembru 1998 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 4-7).	Sena waħda
(BĊE/2010/14). Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkulazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 267, 9.10.2010, p. 1).	Sena waħda
Leġiżlazzjoni Bankarja u Finanzjarja	
Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26-58).	6 snin
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1-25).	6 snin
Id-Direttiva 1997/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar it-trasferimenti transkonfini ta' kreditu (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 25-30).	6 snin
